**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 ta' Settembru, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Raniel Sciberras**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Raniel detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 439090M akkuzat talli fil-15 ta' Jannar 2016 ghall-habta tal-23:00hrs u s-sighat ta' wara gewwa l-Lukanda Excelsior, il-Furjana u gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Janise Cilia, membru domestiku, u dan skond kif giet iccertifikata minn Dr. Jonathan Zammit Med Reg. 3054 mill-isptar Mater Dei;

2. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Elizabeth Cilia, hekk kif giet iccertifikatha minn Dr. Carla Refalo M.D. 3235 mill-isptar Mater Dei;
3. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b' ghajjat u glied jew b' mod iehor;
4. Ukoll talli hebb kontra Janice Cilia u Elizabeth Cilia sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni;
5. Ghamel lil Elizabeth Cilia injurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
6. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Janice Cilia biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tinfliggi' l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Janice Cilia u Elizabeth Cilia jew biex tinzamm l-ordni Pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal- 15 ta' Gunju 2017 (esebita a fol. 148 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii), 216 (1)(b), 216(1)(d), 216 (2), 218(1)(a), 218(1)(b), 218(2), 222(1)(a), 202(h)(iv)(v)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 251(3), 222(1)(a), 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal- 5 t' Ottubru 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw zewg incidenti li sehhew fil-15 ta' Jannar 2016 ghall-habta ta' 23.00hrs u fis-sighat bikrin tas-16 ta' Jannar 2016 rispettivament. L-ewwel incident sehh bejn l-imputat Raniel Sciberras u s-siehba tieghu Janice Cilia fil-Lukanda Excelsior fejn Janice Cilia kienet akkompanjat lill-imputat ghall-party tax-xoghol. Mill-provi jirrizulta li hija bdiet tiddejjaq ghaliex l-imputat halliha ghal hin twil wahidha u hija marret fil-bathroom fejn damet mhux hazin u meta l-imputat mar ifittixha inqala' dizgwid bejniethom fejn minhabba l-istorbju kellhom jintervjenu s-security personnel tal-Lukanda li mbaghad allertaw lill-Pulizija izda sakemm waslu l-Pulizija fuq il-post l-imputat u Janice Cilia kienu allontanaw ruhhom separatament fejn Cilia cemplet lill-ommha Elizabeth

Cilia sabiex tigi ghaliha u l-imputat irritorna d-dar ta' ommu f' Birkirkara b' taxi. Omm Janice, Elizabeth Cilia, marret ghal bintha akkompanjatha minn ohtha Romina Zammit u Janice rikbet ma' din tal-ahhar filwaqt li Elizabeth Cilia saqet il-vettura ta' Janice li kienet parkeggjata fil-parkegg tal-Lukanda ghaliex l-imputat u Cilia kienu marru l-party bil-vettura ta' Cilia. Janice u Elizabeth Cilia jghidu li huma ftehmu li jmorru l-Ghassa ta' B' Kara sabiex jaghmlu rapport izda mill-provi jirrizulta li filwaqt li Janice Cilia u Romina Zammit marru l-Ghassa ta' B' Kara jaghmlu rapport, Elizabeth Cilia marret id-dar ta' omm l-imputat fejn kien jghix l-istess imputat u fejn kien hemm rieqed iben dan tal-ahhar u Janice Cilia u nsistiet li tiehu lil dan it-tifel. Meta l-imputat u ommu rrifjutaw li jhallu lil Elizabeth Cilia tidhol fid-dar sabiex tiehu lit-tifel ta' sentejn li kien rieqed inqala' t-tieni incident bejn Elizabeth Cilia, l-imputat u ommu fejn imbaghad waslu fuq il-post Romina Zammit u Janice Cilia u din tal-ahhar ukoll kienet parti mill-glieda filwaqt li Zammit intervjeniet sabiex tferraq. Bhala konsegwenza ta' dan it-tieni ncident Elizabeth Cilia u Maria Dolores Sciberras sofrew griehi ta' natura hafifa filwaqt li Janice Cilia sofriet griehi ta' natura gravi li hallew debilita' permanenti ghaliex hija kellha ksur f' subghajha tal-id tal-lemin (index finger) fejn kellha tigi operata u mir-rapport tal-espert mediku nominat minn din il-Qorti, Dr. Mario Scerri, (vide rapport inserit a fol. 121 et sequitur tal-atti processwali) jirrizulta li copy conclusions on page 130 and 131 of atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi fl-istqarrija minnu rilaxxjata fis-16 ta' Jannar 2016 (inserita a fol. 17 et sequitur tal-atti processwali) l-imputat qal li l-incident fil-Lukanda Excelsior inqala' hdejn it-toilets ghaliex Janice Cilia kienet qed tiddejjaq u hija bdiet

tipponta subghajha lejn wiccu u meta huwa qabdilha idejha u ghawwigielha sabiex ma tkompliex taghmel hekk hija tatu daqqa ta' harta taht ghajnejh. L-imputat qal li huwa beda' jghid lil Cilia sabiex tieqaf b' dan l-agir ghaliex kienet ser ittelliflu l-job izda hija minflok instabtet mal-art u bdiet tghajjat. L-imputat jghid li f' dak l-istadju huwa ddecieda li jirritorna d-dar b' taxi fejn kien hemm ibnu rieqed. Huwa kompla jghid lill-Pulizija li meta rritorna d-dar wara ftit tal-hin giet omm Janice Cilia thabbat il-bieb u bdiet tinsisti li tiehu t-tifel u meta ommu u hu spjegwalha li t-tifel kien rieqed u kien ikun ahjar li jehduh l-ghada filghodu, Elizabeth Cilia hebbet ghal ommu u huwa ntervjena sabiex jiddefendi lill-ommu. Huwa jghid ukoll li wara ftit tal-hin giet fuq il-post Janice Cilia akkompanjatha miz-Zija taghha Romina Zammit u Janice Cilia u ommha t-tnejn daru ghal ommu u dahlu fid-dar fejn imbuttawha mat-tarag. L-imputat isostni li huwa ntervjena biss sabiex jiddefendi lill-ommu u jghid li fl-ebda hin ma ta' daqqiet lil Janice Cilia jew lill-ommha u jsostni wkoll li Janice Cilia bdiet tinstabat mal-art attaparsi mitlufa minn sensiha.

Ikkunsidrat:

Illi meta xehdet Janice Cilia f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-10 ta' Gunju 2016 hija qalet li meta waslu l-party fil-Lukanda Excelsior il-boyfriend taghha Raniel Sciberras kien diga' xurban u huwa kompla jixrob. Hija tghid li f' hin minnhom huwa qalilha li kien ser imur jiehu zewg drinks ohra u qalilha sabiex tmur tistennih fl-ismoking room. Hija tghid li meta marret tfittex lill-imputat huwa qalilha, li kien gej ftit hdejha izda meta hija rrispondietu li dan ma kienx veru huwa beda joqrosha u anki gidimha u hija marret tissakkar fit-toilet fejn damet madwar nofs siegha, u mbaghad cemplet lill-ommha fejn qaltilha li kienet qed tibza' tohrog mit-toilet u

ommha qaltilha li kienet ser tmur ghaliha fil-pront. Janice Cilia ssostni li l-imputat beda' jhabbat mal-bieb tat-toilet u jidghi u hija harget u huwa kien pront imbuttaha ma' big screen li kien hemm hdejn it-toilets u f' dan l-istadju avvicinawhom xi security personnel tal-Lukanda li ferquhom u huma mbaghad telqu minn fuq il-post ghal rashom. Cilia tghid li meta gabritha ommha hija rikbet fil-vettura maz-Zija u ommha saqet il-karozza taghha u huma ftehmu li l-ewwel imorru l-Ghassa ta' B' Kara jaghmlu rapport u mbaghad imorru jigbru t-tifel minghand omm l-imputat. L-allegata vittma tghid li ghal xi raguni ommha fehmet kollox hazin u marret mill-ewwel id-dar tal-imputat u ommu filwaqt li hi u z-Zija wara li marru l-ghassa jaghmlu rapport u ntbaghtu l-policlinic sabiex hija tigi ezaminata minn Tabib huma marru d-dar tal-imputat ifittxu lil Elizabeth Cilia. Janice Cilia ssostni li meta waslet fuq il-post hija sabet lill-ommha u lill-imputat jiggieldu u jitghajru fejn Raniel Sciberras beda jaghti daqqiet ta' ponn f'ras ommha u hija ntervjeniet fil-glieda. Hija tghid li huma dahlu fid-dar ta' omm l-imputat fejn kompliet il-glieda u l-imputat beda' jaghtiha daqqiet f'rasha b'curkett tad-deheb. Hija tghid li kien hemm mumenti fejn waqghet taht il-bankina u stordiet u ssostni li meta kienu barra l-imputat qabdilha subghajha ta' idha l-leminija u beda' jfaqahulha. Hija tghid li sofriet ksur f'subghjaha u kellha tigi operata aktar minn darba.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna griehi ta' natura gravi lil Janice Cilia u griehi ta' natura hafifa lil Elizabeth Cilia, kif ukoll talli kiser il-buon ordni u l-paci pubblika, talli hebb ghal Janice u Elizabeth Cilia u talli ingurja lil Elizabeth Cilia u talli bl-imgieba tieghu ikkaguna biza' lil Janice Cilia li ser

tintuza vjolenza kontriha jew lill-propjeta' taghha jew kontra xi hadd mill-axxendenti taghha.

Illi jibda' sabiex jinghad li fl-udjenza tat-13 ta' April 2018 xehdet Elizabeth Cilia bil-gurament fejn qalet li hija xtaqet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u dan ghal gid ta' iben l-imputat u bintha.

Illi dan ifisser li l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2), tar-raba' (4) imputazzjoni in kwantu din hija riferibbli ghal Elizabeth Cilia u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni rigwardanti l-griehi sofferti minn Janice Cilia ma hemmx dubju li dawn kienu ta; natura gravi u hallew debilita' permanenti a tenur tal-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Lanqas ma hemm dubju li dawn il-griehi gew kagunati fuq Janice Cilia mill-imputat. Il-Qorti izda jidrilha li mill-provi jirrizulta li kien hem element ta' provokazzjoni da parti tal-allegata vittma u ommha fiz-zewg incidenti ghaliex fl-ewwel incident, u cioe' dak li sehh fil-Lukanda Excelsior, il-Qorti temmen li l-affarijiet graw fit-triq tan-nofs bejn kif tiddeskrivihom Janice Cilia u kif jiddeskrivihom l-imputat fl-istqarrija tieghu. Dwar l-incident li sehh hdejn id-dar tal-imputat jidher li il-glied gie provokat minn omm Janice Cilia meta fis-sighat bikrin ta' filghodu hija marret id-dar tal-imputat u nsistiet li tinghata t-tifel zghir li kien rieqed. Jidher li kemm l-imputat u ommu kif ukoll Elizabeth Cilia taw u qalghu daqqiet. L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati li kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Janice Cilia izda ser ikun hemm mitigazzjoni fil-piena minhabba l-element ta' provokazzjoni li kien hemm da parti kemm tal-vittma nnifisha kif ukoll da parti ta' ommha.

Ill mill-provi jirrizulta ampjament pruvat li kien hemm ksur ta’ buon ordni da parti tal-imputat kemm fil-Lukanda Excelsior kif ukoll waqt il-glied quddiem id-dar tieghu.

Il-Qorti izda jidrilha li ma tistghax issib lill-imputat hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu ghaliex mill-provi ma jirrizultax b’mod car li l-imputat bl-imgieba tieghu ikkaguna biza’ li ser tintuza vjolenza kontra Janice Cilia f’ aktar minn okkazzjoni wahda.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li llum il-gurnata hemm relazzjonijiet tajbin bejn l-imputat u Janice Cilia minhabba t-trobbija tal-wild li ghandhom in komuni, kif ukoll il-fatt li anki l-Prosekuzzjoni taqbel li piena alternattiva ghal dik karcerarja tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tieghu tal-15 ta’ Gunju 2017 u senjatament l-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii), 216 (1)(b), 216(1)(d), 216 (2), 218(1)(a), 218(1)(b), 218(2), 222(1)(a), 202(h)(iv)(v)(vi), 338(dd), 339(1)(d), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali,l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni, tat-tielet (3) imputazzjoni, tar-raba’ (4) imputazzjoni izda biss in kwantu din hija riferibbli ghal Janice Cilia u tikkundannah tmintax (18) –il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u stante r-rinunzja tal-parti civili Elizabeth Cilia tastjeni milli tiehu

konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni, tar-raba' (4) imputazzjoni fejn din hija riferibbli ghal Elizabeth Cilia u tal-hames (5) imputazzjoni.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn, erbgha u hamsin ewro u hamsin centezmu (€254.50[1]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[1] Rapport ta' Dr. Mario Scerri Pg 121- 132 €254.50